



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13351/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0335 (NLE)

ECOFIN 921
FIN 952
UEM 255

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-
valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Portugall

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Portugall**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, “RRP”) mill-Portugall fit-22 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)¹.
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta’ kull Stat Membru tiġi aġġornata sat-30 ta’ Ġunju 2022 f’konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta’ Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta’ dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fis-26 ta’ Mejju 2023, il-Portugall ippreżenta RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitolu REPowerEU f’konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.

¹ Araw id-dokumenti ST 10149/2021 u ST 10149/2021 ADD1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>

- (4) L-RRP modifikat iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Huwa jinkludi talba għal appoġġ fil-forma ta' self biex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 fuq il-bażi li li l-RRP parzjalment ma jistax jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki għall-RRP ippreżentati mill-Portugall jikkonċernaw 75 miżura skont l-Artikolu 18(2) u l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (5) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Portugall fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kunsill irrakkomanda li l-Portugall, fost oħrajn, itejjeb l-effettività tas-sistemi tat-taxxa u tal-protezzjoni soċjali, isahha it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, inaqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili, jaċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli billi jaġġorna l-grilji tal-elettriku u jissimplifika l-permessi, iżid l-interkonnessjoni, il-ħżin u d-diġitalizzazzjoni tal-elettriku, u jsahha l-inċentivi għall-effiċjenza enerġetika fil-bini.

- (6) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Portugall jaġġorna 35 miżura biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Il-Portugall spjega li minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima żdiedet minn EUR 13 907 294 284¹ għal EUR 15 540 390 877¹, seta' jipproponi 21 miżura ġdida u jżid l-ambizzjoni ta' investimenti eżistenti.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-Portugall tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

- (8) L-RRP modifikat fih 21 miżura ġdida taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; il-komponent 2: L-akkomodazzjoni; il-komponent 3: Risponsi soċjali; il-komponent 5: Investiment u Innovazzjoni; il-komponent 6: Kwalifiki u Filit; il-komponent 10: Il-Baħar; il-komponent 12: Bijoeconomija; il-komponent 15: Mobilità Sostenibbli; il-komponent 16: Intrapriżi 4.0; il-komponent 17: Kwalità u sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi; u l-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali.
- (9) Dawn il-miżuri jinkludu tliet riformi ġodda: ir-riforma RE-C03-r38: Simplifikazzjoni u Effettività tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tintroduċi benefiċċju soċjali uniku taħt il-komponent 3: Risponsi soċjali; ir-riforma TC-C12-r39: Promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari u ġestjoni tal-iskart aktar effiċjenti tistabbilixxi diversi azzjonijiet li jinkoraġġixxu r-riċiklaġġ u l-irkupru biex l-iskart jitbiegħed mill-miżbljet u l-inċineraturi taħt il-komponent 12: Bijoeconomija; ir-riforma TD-C17-r40: Simplifikazzjoni tas-Sistema tat-Taxxa tintroduċi sistema għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' benefiċċji tat-taxxa ġodda u eżistenti billi tistabbilixxi unità teknika ġdida biex tevalwa u tagħmel monitoraġġ tal-politiki fiskali, u tnaqqas l-għadd ta' benefiċċji tat-taxxa, taħt il-komponent 17: Kwalità u sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

- (10) Dawn il-miżuri jinkludu wkoll 18-il investiment ġdid: l-investiment RE-C01-i10 – Programm ta' Modernizzazzjoni tat-Teknoloġija tal-NHS, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali, li jikkonsisti fix-xiri ta' tagħmir mediku tqil għall-isptarijiet; l-investiment RE-C02-i07: Infrastruttura għal irqajja' ta' art għal akkomodazzjoni residenzjali, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni, biex tinbena jew tittejjeb l-infrastruttura eżistenti għall-bini ta' rqajja' ta' art li għandhom jiġu allokatil lil kandidati magħżula; l-investiment RE-C02-i08-RAA: Tisħiħ tal-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni, biex jitwasslu 3 640 abitazzjoni addizzjonali lil unitajiet domestiċi; l-investiment RE-C03-i07-RAA: Titjib u espansjoni tan-network tad-djar tal-kura residenzjali għall-anzjani (ERPIs), taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali, li jespandi u jirrinova l-faċilitajiet eżistenti biex jipprovdu kura speċjalizzata u kontinwa fid-djar lill-anzjani fl-Azores; l-investiment RE-C05-i07-RAM: Strumenti ta' kapitalizzazzjoni għall-kumpaniji f'Madeira, taħt il-komponent 5: Investiment u innovazzjoni, biex jiġu pprovduti garanziji ta' self għall-appoġġ tal-intrapriżi f'Madeira; l-investiment RE-C05-i08: Aktar Xjenza Diġitali, taħt il-komponent 5: Investiment u innovazzjoni, biex titħaffef it-tranżizzjoni diġitali tas-Sistema nazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija; l-investiment RE-C05-i09: Espansjoni: Mobilizzazzjoni ta' Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożji, taħt il-komponent 5: Investiment u innovazzjoni, biex jiżdied l-għadd ta' proċessi, prodotti u servizzi li jirriżultaw mill-aġendi tal-innovazzjoni; l-investiment RE-C05-i10: Espansjoni: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negożji, taħt il-komponent 5: Investiment u Innovazzjoni, biex jiżdied l-għadd ta' proċessi, prodotti u servizzi li jirriżultaw mill-aġendi ekoloġiċi; l-investiment RE-C06-i06: Kapaċitajiet fix-Xjenza, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet; biex titrawwem l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja billi, fost l-oħrajn, jiġu appoġġati r-riċerka fundamentali u t-trasferiment tal-għarfien; l-investiment RE-C06-i07: Aktar Impuls diġitali, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet, biex tiġi appoġġata l-edukazzjoni fix-xjenzi agrarji u mediċi biex isiru avvanzi diġitali u teknoloġiċi u tiżdied il-kapaċità ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali; l-investiment RE-C06-i08-RAM:

Estensjoni tal-bini taċ-Ċentru Xjentifiku u Teknoloġiku ta' Madeira (CITMA), taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet, li tikkonsisti fil-bini ta' tliet sulari addizzjonali u l-estensjoni tal-pjan terran tal-bini li jospita s-CITMA; l-investment TC-C10-i05-RAA: Tranżizzjoni tal-enerġija, diġitalizzazzjoni u tnaqqis tal-impatt ambjentali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, taħt il-komponent 10: Il-Baħar, biex jiġu appoġġati proġetti li jtejb u prestazzjoni tal-enerġija, inaqqsu l-produzzjoni tal-iskart u l-impronta ekoloġika tad-ditti u jippromwovu l-ekonomija ċirkolari fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura fl-Azores; l-investment TC-C10-i06-RAM: Teknoloġiji oċeaniċi, taħt il-komponent 10: Il-Baħar, li jikkonsisti fil-bini ta' bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli effiċjenti fl-użu tal-enerġija u fix-xiri ta' vetturi mingħajr ekwipaġġ għar-riċerka marittima; l-investment TC-C15-i06: Diġitalizzazzjoni tat-Trasport bil-Ferrovija, taħt il-komponent 15: Mobilità Sostenibbli, biex tiġi sostitwita s-sistema ta' sinjalazzjoni tal-Linja tat-Tramuntana tal-Ferrovija Nazzjonali li tagħmilha interoperabbli mal-linja ferrovjarja l-għdida ta' veloċità għolja; l-investment TD-C16-i04: Industrija 4.0, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0, biex jiġu appoġġati proġetti li jrawmu t-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji u jtejb u sostenibbiltà ambjentali tagħhom; l-investment TD-C16-i05-RAA: Kapaċità Diġitali u Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0, biex tiġi appoġġata d-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji fl-Azores u tiġi appoġġata l-estensjoni tal-Parks tax-Xjenza u t-Teknoloġija fl-Azores; l-investment TD-C16-i06-RAM: Intrapriżi 4.0, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0, biex jitjiebu l-mudelli kummerċjali tal-SMEs f'Madeira, u b'hekk jagħmluhom aktar diġitali, kompetittivi u reżiljenti; l-investment TD-C19-i08: Territorji Intelliġenti, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali, biex jiġi appoġġat l-ippjanar u l-ġestjoni tal-bliet abbażi ta' għodod u politiki mmexxija mid-data.

- (11) Barra minn hekk, l-RRP modifikat ippreżentat mill-Portugall jibdel il-miżuri taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; il-komponent 2: L-akkomodazzjoni; il-komponent 3: Risponsi Soċjali; il-komponent 4: Il-kultura; il-komponent 10: Il-Baħar; il-komponent 11: Id-dekarbonizzazzjoni tal-Industrija; il-komponent 16: Intrapriżi 4.0; il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali u l-komponent 20: Skola diġitali biex tiġi riflessa l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. B'mod partikolari, il-mira 1.15 u l-mira 1.18 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C01-i01: Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar tveġibiet, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; il-mira 3.4 u l-mira 3.5 tal-investment RE-C03-i01: Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali; il-mira 3.15 tal-investment RE-C03-i04-RAA: L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali; l-istadju ewlieni 4.3 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C04-i01: Networks Kulturali u Tranżizzjoni Diġitali taħt il-komponent 4: Il-kultura; il-mira 4.8 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C04-i02: Wirt kulturali taħt il-komponent 4: Il-kultura; id-deskrizzjoni tal-investment TC-C10-i04-RAA: L-iżvilupp tal-“Cluster do Mar dos Açores” taħt il-komponent 10: Il-Baħar; il-mira 11.3 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C11-i01: Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija taħt il-komponent 11: Id-dekarbonizzazzjoni tal-Industrija; id-deskrizzjoni tal-komponent 12: Bijoeconomija; il-mira 16.9 tal-investment TD-C16-i02: Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0; id-deskrizzjoni tal-investment TD-C19-i05: It-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira, taħt il-komponent 19 – Amministrazzjoni pubblika diġitali; l-istadju importanti 19.18 tal-investment TD-C19-i06: Tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika fl-Azores, taħt il-komponent 19 – Amministrazzjoni pubblika diġitali; il-mira 20.11, il-mira 20.12 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C20-i02-RAA:

Edukazzjoni diġitali (Azores) taħt il-komponent 20: Skola Diġitali; il-mira 20.15, il-mira 20.16, l-istadju importanti 20.18 u d-deskrizzjoni tal-investiment TD-C20-i03-RAM: L-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni ARM taħt il-komponent 20: Skola diġitali huma mibdula biex jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġ meta mqabbel mal-RRP oriġinali biex jirrifletti ż-żieda fl-allokazzjoni. Barra minn hekk, il-mira 4.12 tal-investiment RE-C04-i02: Wirt Kulturali taħt il-komponent 4: Il-kultura; l-istadju importanti 10.11 tal-investiment TC-C10-i04-RAA: L-iżvilupp tal-“Cluster do Mar dos Açores” taħt il-komponent 10: Il-Baħar; l-istadju importanti 19.25, l-istadju importanti 19.26 u l-istadju importanti 19.27 tal-investiment TD-C19-i01: Tfassil mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi u konsulari taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali; l-istadju importanti 19.28 u l-istadju importanti 19.29 tal-investiment TD-C19-i05: It-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira huma miżjuda biex jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġ meta mqabbel l-RRP oriġinali biex jirrifletti ż-żieda fl-allokazzjoni.

- (12) Il-Portugall spjega li fid-dawl tar-riforma l-ġdida TD-C19-r42: Sistema ġdida ta' evalwazzjoni biex tagħti s-setgħa u ħajja ġdida lill-forza tax-xogħol tal-amministrazzjoni pubblika, li tistabbilixxi pjattaforma SIADAP (Sistema Integrata għall-Ġestjoni u l-Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika) ġdida, kien possibbli li jiġi inkluż taħriġ li sar fuq il-pjattaforma SIADAP il-ġdida fl-investiment TD-C19-i07: Amministrazzjoni pubblika mogħtija s-setgħa li toħloq valur pubbliku, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 19.21. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jiġi inkluż it-taħriġ tal-pjattaforma SIADAP. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (13) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Portugall jinkludi talba għal appoġġ fil-forma ta' self, biex jappoġġa seba' miżuri addizzjonali li jikkonsistu f'ħames investimenti u żewġ riformi, u biex iżid l-ambizzjoni ta' investiment wieħed eżistenti preċedentement appoġġat minn self, u biex jappoġġa ħames investimenti li qabel kienu appoġġati minn appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.
- (14) Il-Portugall talab appoġġ fil-forma ta' self biex jifinanzja ħames investimenti ġodda. L-ewwel, l-investiment RE-C02-i09 Miżura fuq skala akbar: Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni (self) jiżdied taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni, biex jinbnew 126 abitazzjoni fl-Azores. It-tieni, l-investiment RE-C05-i11: Espansjoni: Mobilizzazzjoni ta' Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożji (Self), jiżdied taħt il-komponent 5: Investiment u Innovazzjoni, biex jiżdied l-għadd ta' proċessi, prodotti u servizzi li jirriżultaw mill-aġendi tal-innovazzjoni. It-tielet, l-investiment RP-C05-i12: Espansjoni: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negożji (Self), jiżdied taħt il-komponent 5: Investiment u Innovazzjoni, biex jiżdied l-għadd ta' proċessi, prodotti u servizzi li jirriżultaw mill-aġendi tal-ekoinnovazzjoni. Ir-raba', l-investiment RE-C06-i09: Skejjel ġodda jew rinnovati jiżdied taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet, li jikkonsisti fil-bini jew fir-rinnovazzjoni ta' skejjel pubbliċi primarji u sekondarji f'Madeira. Il-ħames, l-investiment TC-C10-i07: Tbaħħir Ekoloġiku jiżdied taħt il-komponent 10: Il-Baħar, biex jiġu appoġġati l-interventi tal-effiċjenza enerġetika fil-bastimenti tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

- (15) Il-Portugall ippropona wkoll żewġ riformi ġodda dwar l-amministrazzjoni pubblika. L-ewwel, ir-riforma TD-C19-r41: Aċċess għas-Servizzi Pubbliċi: armonizzazzjoni u konsolidazzjoni tal-aċċess wiċċ imb wiċċ u online ttejjeb il-koordinazzjoni bejn l-aċċess wiċċ imb wiċċ u online għas-servizzi pubbliċi taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali; u t-tieni, ir-riforma TD-C19-r42: Sistema ġdida ta' evalwazzjoni biex tagħti s-setgħa u ħajja ġdida lill-forza tax-xogħol tal-amministrazzjoni pubblika tintroduċi sistema ġdida ta' evalwazzjoni għall-impjegati taċ-ċivil taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali.
- (16) Fid-dawl ta' eventi mhux previsti bħall-inflazzjoni u t-tfixkil fil-katina tal-provvista, il-Portugall irreveda l-istima tal-kostijiet għall-RRP tiegħu, li rriżulta f'żieda fil-kostijiet totali biex il-miżuri jkunu appoġġati kemm b'appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli kif ukoll b'self. Meta wieħed iqis id-disponibbiltà tal-appoġġ addizzjonali fil-forma ta' self, il-Portugall talab li daww il-ħtiġijiet finanzjarji ogħla jiġu indirizzati billi jibdel l-appoġġ għal ċerti miżuri minn appoġġ mhux ripagabbli għal appoġġ fil-forma ta' self.
- (17) Dan jirrigwarda: l-investiment C07-i03: Konnessjonijiet transfruntiera, taħt il-komponent 7: Infrastruttura; l-investiment C07-i04: Żoni ta' Akkoljenza tan-Negozju — Aċċessibbiltà tat-triq, taħt il-komponent 7: Infrastruttura; l-investiment RE-C09-i04: Intrapriża idrawlika b'diversi użi ta' Crato, fażi ta' kostruzzjoni, taħt il-komponent 9: Il-ġestjoni tal-ilma; l-investiment C10-i03 - Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Difiża Atlantika u pjattaforma navali, taħt il-komponent 10: Il-Baħar; u l-investiment C15-i03 - Tranżitu Ferrovjarju Ħafif Odivelas – Loures, taħt il-komponent 15: Mobilità Sostenibbli.

- (18) Barra minn hekk, il-Portugall talab appoġġ addizzjonali fil-forma ta' self biex iżid l-ambizzjoni ta' investiment diġà appoġġat minn self. Dan jikkonċerna l-investiment RE-C02-i06: Akkomodazzjonijiet tal-istudenti bi prezzijiet affordabbli u l-mira 2.26, il-mira 2.27 u l-mira 2.28 rispettivi, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni, fejn il-Portugall jipproponi li jipprovdi 3 000 sodda addizzjonali għall-istudenti.
- (19) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluża t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (20) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Portugall minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 45 miżura.
- (21) Il-Portugall spjega li 21 miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament fl-iskeda ta' żmien tal-RRP oriġinali minħabba l-inflazzjoni jew tfixkil fil-katina tal-provvista li rriżultaw fi proċeduri tal-akkwist li ma rnexxewx jew ikkawżaw dewmien fl-akkwist ta' materjali jew servizzi. Dan jikkonċerna, rispettivament, il-mira 1.14 tal-investiment RE-C01-i01: Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar tweġibiet, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; il-mira 1.22 tal-investiment RE-C01-i02: Network Nazzjonali ta' Kura Kontinwa Integrata u Network Nazzjonali tal-Kura Paljattiva taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; u l-mira 1.34 tal-investiment RE-C01-i06: Tranżizzjoni tas-saħħa diġitali, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali. Jikkonċerna wkoll il-miri 2.26, 2.27 u 2.28 tal-investiment RE-C02-i06: Akkomodazzjoni tal-istudenti bi prezzijiet affordabbli, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni.

Jikkonċerna wkoll il-mira 3.13 tal-investment RE-C03-i04-RAA: L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Networks ta' Appoġġ Soċjali, taħt il-komponent 3: Risponsi soċjali. Jikkonċerna wkoll il-mira 5.19 tal-investment RE-C05-i05-RAA: Irkupru Ekonomiku tal-Agrikoltura Ażoreana, taħt il-komponent 5: Investment u innovazzjoni. Jikkonċerna wkoll il-mira 6.5 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C06-i02: Impenn għal Impjiegi Sostenibbli taħt il-komponent 6: Kwalifiki u ħiliet. Jikkonċerna wkoll il-mira 7.14, il-mira 7.15 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C07-i05-RAA: Ċirkwiti Loġistiċi - Network Reġjonali tal-Azores taħt il-komponent 7: Infrastruttura. Jikkonċerna wkoll il-mira 8.12 tal-investment RE-C08-i04: Mezzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra n-nirien rurali, taħt il-komponent 8: Foresti. Jikkonċerna wkoll l-istadji importanti 9.10 u 9.11 tal-investment RE-C09-i02: Intrapriża idrawlika b'diversi użi ta' Crato, taħt il-komponent 9: Il-ġestjoni tal-ilma; il-mira 9.12, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C09-i03-RAM: Pjan għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma u t-tisħiħ tas-sistemi tal-provvista u tat-tisqija ta' Madeira, taħt il-komponent 9: Il-ġestjoni tal-ilma. Jikkonċerna wkoll l-istadji importanti 10.5 u 10.7 tal-investment TC-C10-i03: Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Difiża Atlantika u pjattaforma navali, taħt il-komponent 10: Il-Baħar; u l-investment TC-C10-i04-RAA: L-iżvilupp tal-“Cluster do Mar dos Açores” taħt il-komponent 10 – Baħar. Jikkonċerna wkoll il-mira 14.3 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C14-i01: Idroġenu u gassijiet rinnovabbli taħt il-komponent 14: Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli; l-istadju importanti 14.4 u l-mira 14.5 tal-investment TC-C14-i02-RAM: Il-potenzjal tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira, taħt il-komponent 14: Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli; il-miri 14.11, 14.12, 14.13 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C14-i03-RAA:

It-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores, taħt il-komponent 14: Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli. Jikkonċerna wkoll l-istadji importanti 15.1, 15.2 u l-mira 15.3 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C15-i01: L-espansjoni tan-Network tal-Metro ta' Liżbona — il-Linja l-Ħamra għal Alcântara, taħt il-komponent 15: Mobilità Sostenibbli; l-istadji importanti 15.4, 15.5 u l-mira 15.6 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C15-i02: Espansjoni tan-Network tal-Metro ta' Porto — Casa da Música-Santo Ovídio, taħt il-komponent 15: Mobilità Sostenibbli; l-istadji importanti 15.7, 15.8 u l-mira 15.9 tal-investment TC-C15-i03: Tranżitu Ferrovjarju Ħafif Odivelas – Loures, il-komponent 15: Mobilità Sostenibbli; il-mira 15.11 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C15-i04: Tranżitu Rapidu bil-Karozzi tal-Linja Boavista – Império, taħt il-komponent 15 Mobilità sostenibbli. Jikkonċerna wkoll il-mira 16.5 u l-mira 16.6 tal-investment TD-C16-i02: Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0. Jikkonċerna wkoll il-mira 17.9 tal-investment TD-C17-i01: Sistemi ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika taħt il-komponent 17: Kwalità u Sostenibbiltà tal-Finanzi Pubbliċi. Jikkonċerna wkoll il-miri 20.4, 20.5 u 20.6 tal-investment TD-C20-i01: It-tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni taħt il-komponent 20 – Skola diġitali. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jsiru bidliet u li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq tiġi estiża. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (22) Il-Portugall spjega wkoll li l-investment RE-C03-i02: Aċċessibbiltà 360°, taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali, ma għadux jista' jinkiseb fl-iskeda ta' żmien tal-RRP oriġinali minħabba li l-Portugall iqis li huwa meħtieġ li l-muniċipalitajiet li jikkordinaw dan l-investment u dawn ħadu ż-żmien biex ikunu jistgħu jieħdu r-responsabbiltajiet rispettivi. Dan jikkonċerna l-posponiment tal-mira 3.6 tal-investment RE-C03-i02: Aċċessibbiltà 360°, taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tiġi estiża u li ssir il-bidla msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (23) Il-Portugall spjega wkoll li l-investment RE-C05-i06: Kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji u reżiljenza finanzjarja/Banco Português de Fomento, taħt il-komponent 5: Investment u Innovazzjoni, ma għadux jista' jinkiseb fl-iskeda ta' żmien tal-RRP oriġinali minħabba d-dewmien ikkawżat mill-kundizzjonijiet makroekonomiċi u ż-żieda fl-inċertezza. Dan jikkonċerna l-posponiment tal-mira 5.29, u l-introduzzjoni ta' mira intermedjarja ġdida, il-mira 5.43 tal-investment RE-C05-i06: Kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji u reżiljenza finanzjarja/Banco Português de Fomento, taħt il-komponent 5: Investment u Innovazzjoni. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tiġi estiża u li ssir il-bidla msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (24) Il-Portugall spjega wkoll li l-investment RE-C06-i02: Impenn għal Impjiegi Sostenibbli taħt il-komponent 6: Kwalifiki u l-Ħiliet, ma għadux jista' jinkiseb fl-iskeda ta' żmien tal-RRP oriġinali. Irkupru aktar rapidu milli mistenni tas-suq tax-xogħol irriżulta f' għadd aktar baxx ta' ħaddiema li bbenefikaw minn dan l-investment. Sabiex jilħaq aktar nies u jkollu impatt akbar, il-Portugall talab perjodu ta' implimentazzjoni itwal għal dan l-investment. Dan jikkonċerna l-posponiment tal-mira 6.5, u l-emenda tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C06-i02: Impenn għal Impjiegi Sostenibbli, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tiġi estiża u li ssir il-bidla msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (25) Il-Portugall spjega li l-investment RE-C09-i01: Pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve, taħt il-komponent 9: Ġestjoni tal-Ilma, ma għadux jista' jinkiseb fl-iskeda ta' żmien tal-RRP oriġinali minħabba dewmien ikkawżat mit-twassil tardiv tal-pjeżometri u l-ħtieġa li dawn jiġu installati aktar fil-fond minħabba n-nixfiet serji. Dan jikkonċerna l-posponiment tal-mira 9.1, l-istadju importanti 9.5, l-istadju importanti 9.6, l-istadju importanti 9.7 u l-emenda tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C09-i01: Pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve, taħt il-komponent 9: Ġestjoni tal-Ilma. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tiġi esti'a u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (26) Il-Portugall spjega li l-investment RE-C02-i05: Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli, il-komponent 2: Akkomodazzjoni ma għadux jista' jinkiseb kompletament fil-format tal-RRP oriġinali. It-tfixkil fil-katina tal-provvista u l-inflazzjoni għolja jwasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni mingħajr bidliet fl-ambizzjoni ta' dan l-investment u l-iskadenza finali tiegħu. Dan jikkonċerna tnaqqis fil-miri intermedjarji 2.21, 2.22, 2.23 u 2.24 tal-investment RE-C02-i05: Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli, il-komponent 2: Akkomodazzjoni. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-miri msemmija hawn fuq jitnaqqsu u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (27) Il-Portugall spjega li l-investment TD-C16-i03: Katalist għat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0, ma għadux jista' jinkiseb kompletament skont l-iskeda tal-RRP oriġinali minħabba diffikultajiet tekniċi u legali, iżda mingħajr bidliet fl-iskadenza finali tiegħu. Dan jikkonċerna l-posponiment tal-istadju importanti 16.14 tal-investment TD-C16-i03: Katalist għat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadju importanti msemmi hawn fuq tiġi estiża. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (28) Il-Portugall spjega li l-investment TD-C19-i04: Infrastruttura diġitali kritika effiċjenti, sigura u kondiviża, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali ma għadux jista' jinkiseb kompletament skont l-iskeda tal-RRP oriġinali minħabba tfixkil fil-katina tal-provvista, iżda mingħajr bidliet fl-iskadenza finali tiegħu. Dan jikkonċerna l-posponiment tal-istadju importanti 19.12 tal-investment TD-C19-i04: Infrastruttura diġitali kritika effiċjenti, sigura u kondiviża, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadju importanti msemmi hawn fuq tiġi estiża. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (29) Il-Portugall spjega li sitt miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament bl-ambizzjoni tal-RRP oriġinali minħabba tfixkil fil-katina tal-provvista u inflazzjoni għolja. Dan jikkonċerna tnaqqis fil-mira 2.6 tal-investment RE-C02-i02: Għotja ta' Akkomodazzjoni ta' Emerġenza Nazzjonali u Temporanja, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni; it-tneħħija tal-mira 2.9, il-bidla tal-linja bażi tal-mira 2.10; it-tnaqqis tal-mira 2.11 u l-emendar tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C02-i03-RAM: Tisħiħ tal-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni; it-tneħħija tal-mira 2.15; it-tnaqqis fil-miri 2.16, 2.17, 2.18 u l-emendar tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C02-i04-RAA: Żieda fil-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni fl-istokk tal-akkomodazzjoni tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni. Dan jikkonċerna wkoll tnaqqis fil-mira 5.21 tal-investment RE-C05-i05-RAA: Irkupru Ekonomiku tal-Agrikoltura Azoreana, taħt il-komponent 5: Investment u Innovazzjoni. Dan jikkonċerna wkoll tnaqqis fil-mira 14.3 tal-investment TC-C14-i01: Idroġenu u gassijiet rinnovabbli, taħt il-komponent 14 Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli. Dan jikkonċerna wkoll it-tnaqqis fil-miri 16.8, 16.10 u l-emenda tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C16-i02: Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-miri msemmija hawn fuq jitnaqqsu u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (30) Il-Portugall spjega wkoll li l-investment RE-C03-i04-RAA: L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali ma għadux jista' jinkiseb kompletament bl-ambizzjoni tal-RRP oriġinali. L-għadd ta' persuni koperti mill-introjt tal-inklużjoni soċjali, li huma daww eliġibbli għal dan l-investment, naqas aktar milli mistenni. Dan jikkonċerna wkoll tnaqqis fil-mira 3.12 tal-investment RE-C03-i04-RAA: L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-mira msemmija hawn fuq titnaqqas u li ssir-bidla msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (31) Il-Portugall spjega wkoll li l-investment TD-C16-i01: L-awtonomizzazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0, ma għadux kompletament possibbli bl-ambizzjoni tal-RRP oriġinali minħabba kwistjonijiet mhux previsti ta' interoperabbiltà teknika u parteċipazzjoni fit-taħriġ aktar baxxa milli mistenni. Dan jikkonċerna wkoll it-tnaqqis fil-mira 16.4 u l-emenda tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C16-i01: L-awtonomizzazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-mira msemmija hawn fuq titnaqqas u li ssir il-bidla msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (32) Il-Portugall spjega wkoll li l-investment TD-C19-i07: Amministrazzjoni pubblika mogħtija s-setgħa li toħloq valur pubbliku, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali, ma għadux jista' jinkiseb kompletament bl-ambizzjoni tal-RRP oriġinali. Aktar nies milli mistenni rtiraw u kien hemm dewmien fil-bini taċ-ċentri ta' taħriġ li wassal għal inqas parteċipanti fit-taħriġ. Dan jikkonċerna tnaqqis fil-mira 19.21 tal-investment TD-C19-i07: Amministrazzjoni pubblika mogħtija s-setgħa li toħloq valur pubbliku, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali.
- (33) Il-Portugall spjega wkoll li l-investment RE-C01-i04: Tagħmir għal sptarijiet ġodda f' Seixal, Sintra u l-Lvant ta' Liżbona, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali ma għadux jista' jinkiseb kompletament fil-format previst tal-RRP oriġinali. Minħabba l-inflazzjoni u t-tfixkil fil-katina tal-provvista kif ukoll il-litigazzjoni rigward l-għoti tal-proġetti ta' kostruzzjoni kien hemm dewmien sostanzjali fil-bini tal-isptarijiet ta' Sintra u tal-Lvant ta' Liżbona. Il-Portugall talab li dan l-investment jappoġġa parti mill-bini tal-Isptar tal-Lvant ta' Liżbona (minflok ma jiffinanzja biss xi tagħmir) u jiffinanzja wkoll it-tagħmir ta' sptarijiet oħra fiż-żona ta' Liżbona u Vale do Tejo. Dan jikkonċerna l-emendar tal-istadju importanti 1.26, l-introduzzjoni ta' stadju importanti ġdid, l-istadju importanti 1.40, l-emendar tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C01-i04: Tagħmir għal sptarijiet ġodda f' Seixal, Sintra u l-Lvant ta' Liżbona u jibdel ismu għal "RE-C01-i04: Bini tal-Isptar fil-Lvant ta' Liżbona u Tagħmir għal sptarijiet ġodda f' Seixal, Sintra, il-Lvant ta' Liżbona u Vale do Tejo". Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li ssir il-bidla msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (34) Il-Portugall spjega li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament fil-format oriġinali tagħhom mingħajr ebda impatt fuq l-ambizzjoni tagħhom minħabba restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista u prezzijiet oġġla, li rriżultaw f'offerta mingħajr parteċipanti. Dan jikkonċerna l-emenda fil-mira 3.13 ta' RE-C03-i04-RAA: L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali sabiex l-istess għadd ta' postijiet ta' riabilitazzjoni jkun offrut f'żewġ binjiet minflok fi tlieta. Dan jikkonċerna wkoll tnaqqis fl-istadju importanti 10.5 tal-investment TC-C10-i03: Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Difiża Atlantika u pjattaforma navali, taħt il-komponent 10 għax ma għadux meħtieġ li jinxtraw il-vetturi biex jiġu operati. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-istadju importanti u l-mira msemmija hawn fuq jiġu emendati u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (35) Il-Portugall spjega li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament kif deskritt oriġinarjament minħabba l-inflazzjoni. Dan jikkonċerna emenda fl-istadju importanti 1.18 tal-investiment RE-C01-i01: Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar tweġibiet, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali, biex jiġu riveduti ċ-ċifri ta' appoġġ allokat għas-submiżuri, li huma msemmija fid-deskrizzjoni tiegħu. Dan jikkonċerna emenda fil-mira 1.21 tal-investiment RE-C01-i02: In-network Nazzjonali tal-Kura Kontinwa Integrata u n-Network Nazzjonali tal-Kura Paljattiva, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali, biex jiġu riveduti ċ-ċifri ta' appoġġ allokat għas-submiżuri, li huma msemmija fid-deskrizzjoni tiegħu. Dan jikkonċerna t-tneħħija taċ-ċifri ta' appoġġ allokat għas-submiżuri, li jissemmew fil-mira 1.30 tal-investiment RE-C01-i05-RAM: It-tisħiħ tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali. Dan jikkonċerna emenda fil-mira 8.13 tal-investiment RE-C08-i05: Programm Aktar Forestrija, taħt il-komponent 8: Foresti, biex jiġu riveduti l-kostijiet imsemmija fid-deskrizzjoni tagħha. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li l-istadju importanti u l-miri msemmija hawn fuq jiġu emendati u li jiġu riveduti ċ-ċifri li jirreferu għall-appoġġ allokat għal submiżuri speċifiċi. mJenhtieg li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (36) Il-Portugall spjega li 15-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament fil-forma oriġinali tagħhom minħabba li diffikultajiet legali jew tekniċi mhux mistennija barra mill-kontroll tal-awtoritajiet wasslu għall-ħtieġa li jiġu modifikati jew abbandunati ċerti aspetti tal-miżuri sabiex jiġu implimentati soluzzjonijiet aktar adegwati jew effiċjenti. Dan jikkonċerna: emenda għad-deskrizzjoni tal-investment RE-C01-i02: In-network Nazzjonali tal-Kura Kontinwa Integrata u n-Network Nazzjonali tal-Kura Paljattiva, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali. Dan jikkonċerna l-emendar tal-mira 2.2, il-mira 2.3 u ż-żieda ta' mira ġdida 2.29 għall-investment RE-C02-i01: Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għad-Djar, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni. Dan jikkonċerna emenda fil-mira 3.4 tal-investment RE-C03-i01: Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali, taħt il-komponent 3: Risponsi soċjali. Dan jikkonċerna l-emendar tad-deskrizzjoni tal-investment RE-C06-i02: Impenn għal impjiegi sostenibbli, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u ħiliet. Dan jikkonċerna l-emendar tal-mira 6.11 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C06-i05-RAA: Kwalifiki għall-Adulti u Tagħlim Tul il-Ħajja (ARA), taħt il-komponent 6: Kwalifiki u ħiliet. Dan jikkonċerna l-emendar tad-deskrizzjoni tal-investment RE-C09-i02: Intrapriża idrawlika b'diversi użi ta' Crato, taħt il-komponent 9: Il-ġestjoni tal-Ilma. Dan jikkonċerna l-emendar tal-mira 10.3 tal-investment TC-C10-i01: Blue Hub, Network ta' Infrastruttura għall-Ekonomija Blu, taħt il-komponent 10: Il-Baħar. Dan jikkonċerna l-emendar tal-istadju importanti 10.10 u tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C10-i04-RAA: L-iżvilupp tal-“Cluster do Mar dos Açores” taħt il-komponent 10. Dan jikkonċerna emenda fid-deskrizzjoni tal-investment TC-C14-i01: Idroġenu u gassijiet rinnovabbli, taħt il-komponent 14: Idroġenu u enerġija rinnovabbli. Dan jikkonċerna l-emendar tal-istadju importanti 14.12 u tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C14-i03-RAA: It-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores, taħt il-komponent 14: Idroġenu u enerġija rinnovabbli.

Dan jikkonċerna l-emendar tal-istadju importanti 15.9 u tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C15-i03: Tranżitu Ferrovjarju Ħafif Odivelas – Loures, taħt il-komponent 15: Mobilità sostenibbli. Dan jikkonċerna l-emendar tad-deskrizzjoni tal-investment TC-C15-i04: Tranżitu Rapidu bil-Karozzi tal-Linja Boavista – Império, taħt il-komponent 15: Mobilità Sostenibbli. Dan jikkonċerna l-emendar tal-mira 16.2, tal-mira 16.3 u tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C16-i01: L-awtonomizzazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0. Dan jikkonċerna l-emendr tal-miri 16.6, 16.8 u tad-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C16-i02: Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0. Dan jikkonċerna l-emendar tal-istadju importanti 19.17 tal-investment TD-C19-i05: It-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jiġu emendati l-istadji importanti, il-miri, id-deskrizzjonijiet tal-investimenti msemmija hawn fuq u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (37) Il-Portugall spjega wkoll li l-investment RE-C06-i01: Modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-provvista u tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet ma għadux jista' jinkiseb kompletament fil-format oriġinali tiegħu mingħajr impatt fuq l-ambizzjoni tiegħu. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-ħaddiema tat-turiżmu b'livell għoli ta' ħiliet telqu u dan ħoloq il-ħtieġa li jitħarrġu ħaddiema ġodda. Għal din ir-raġuni, il-possibbiltà li jiġi appoġġat it-taħriġ vokazzjonali fis-settur tat-turiżmu żdiedet mal-investment. Dan jikkonċerna emendi fil-miri 6.3, 6.4 u fid-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C06-i01: Modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-provvista u tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jiġu emendati l-miri u d-deskrizzjonijiet tal-investimenti msemmija hawn fuq u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (38) Il-Portugall spjega li ħames miżuri ġew modifikati minħabba l-eżistenza ta' alternattivi manifestament aħjar għall-implimentazzjoni tal-miżura sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna emendi fil-miri 2.25, 2.26, 2.27, 2.28 u fid-deskrizzjoni tal-investment: RE-C02-i06: Akkomodazzjonijiet tal-istudenti bi prezzijiet affordabbli, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni, sabiex ikun possibbli wkoll li l-akkomodazzjoni tinkera lir-riċerkaturi, lill-ġhalliema, lill-persunal li ma jgħallimx ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja ladarba jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni tal-istudenti. Dan jikkonċerna wkoll emenda tal-mira 8.11 tal-investment RE-C08-i04: Mezzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra n-nirien rurali, taħt il-komponent 8, Foresti, biex jiġi permess ix-xiri ta' tliet elikopters medji għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar minflok erba' elikopters ħfief, u b'hekk tiżdied il-kapaċità ġenerali tat-tifi tan-nar. Dan jikkonċerna emenda fid-deskrizzjoni tal-investment TC-C11-i01: Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija taħt il-komponent 11: Id-dekarbonizzazzjoni tal-Industrija, biex ikunu jistgħu jsiru l-offerti kull meta jkun meħtieġ u mhux biss kull sena. Dan jikkonċerna emenda fil-mira 20.11, fil-mira 20.12 u fid-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C20-i02-RAA: Edukazzjoni diġitali (Azores), taħt il-komponent 20 Skola diġitali, biex ikun permess ix-xiri ta' skrins interattivi minflok proġekters u tneħħi l-obbligu bla bżonn li jiġu aġġornati l-memorja RAM u s-software. Abbażi ta' dan, il-Portugall talab li jiġu emendati l-istadji importanti, il-miri, id-deskrizzjonijiet tal-investimenti msemmija hawn fuq u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.
- (39) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Portugall jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

- (40) Ġew identifikati 138 żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw 79 stadju importanti u miri u 46 miżura. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-22 ta' April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Portugall. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-miżuri li ġejjin u mal-istadji importanti u l-miri tagħhom. Il-mira 1.3 u d-deskrizzjoni tar-riforma rispettiva RE-r01: Riforma tal-kura tas-saħħa primarja taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; l-istadju importanti 1.12 tar-riforma RE-r03: Tlestija tar-riforma tal-mudell ta' governanza tal-isptarijiet pubbliċi, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; il-mira 1.14, il-mira 1.15, l-istadju importanti 1.17 u l-istadju importanti 1.18 tal-investment RE-C01-i01: Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar tweġibiet, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; il-mira 1.27, il-mira 1.30, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C01-i05-RAM: It-tisħiħ tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; id-deskrizzjoni tal-investment RE-C01-i07-RAM: Id-diġitalizzazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali; il-mira 1.38 tal-investment RE-C01-i09: Sistema Universali ta' Appoġġ għall-Ħajja Attiva, taħt il-komponent 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll il-mira 2.2 u l-mira 2.3 tal-investment RE-C02-i01: Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għad-Djar, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni; il-miri 2.4, 2.5, 2.6, 2.7, 2.8 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C02-i02: Għotja ta' Akkomodazzjoni ta' Emerġenza Nazzjonali u Temporanja, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni; il-mira 2.10 u l-mira 2.11 tal-investment RE-C02-i03-RAM:

Tisħiħ tal-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni; il-mira 2.16, il-mira 2.18, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C02-i04-RAA: Żieda fil-kundizzjonijiet tad-djar fl-istokk tad-djar tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni; il-miri 2.25, 2.26, 2.27 u 2.28 tal-investment RE-C02-i06: Akkomodazzjonijiet tal-istudenti bi prezzijiet affordabbli, taħt il-komponent 2: L-akkomodazzjoni. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati wkoll mal-mira 3.4, il-mira 3.5, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C03-i01: Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali, taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali; id-deskrizzjoni tal-investment RE-C03-i02: Aċċessibbiltà 360°, taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali; il-mira 3.10, il-mira 3.11, il-mira 3.27 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C03-i03-RAM: It-tisħiħ tar-reazzjonijiet soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira (ARM), taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali; il-mira 3.12, il-mira 3.13, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C03-i04-RAA: L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali; l-istadju importanti 3.19 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C03-i05: Pjattaforma + Aċċess, taħt il-komponent 3: Risponsi Soċjali. Dawn l-iżbalji klerikali huma relatati wkoll mal-istadju importanti 4.4, il-mira 4.5, il-mira 4.9, il-mira 4.10 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C04-i01: Networks Kulturali u Tranżizzjoni Diġitali taħt il-komponent 4: Il-kultura; l-istadju importanti 4.11 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C04-i02: Wirt Kulturali, taħt il-komponent 4: Il-kultura. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw il-mira 5.5 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C05-i01.01: Il-mobilizzazzjoni ta' Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju, taħt il-komponent 5: Investment u Innovazzjoni; il-mira 5.7 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C05-i01.02: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negożju, taħt il-komponent 5: Investment u Innovazzjoni; il-mira 5.9 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C05-i02: Missjoni tal-interface — tiġdid tan-network ta' appoġġ xjentifiku u teknoloġiku u gwida għan-nisġa produttiva, taħt il-komponent 5:

Investiment u Innovazzjoni; il-mira 5.13 u d-deskrizzjoni tal-investiment rispettiv RE-C05-i03: Aġenda ta' riċerka u innovazzjoni għal agrikoltura sostenibbli, ikel u agroindustrija, taħt il-komponent 5: Investiment u Innovazzjoni; il-mira 5.17, u d-deskrizzjoni tal-investiment rispettiv RE-C05-i04-RAA: Rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negożju tal-Azores, taħt il-komponent 5: Investiment u Innovazzjoni; il-mira 5.29 tal-investiment RE-C05-i06: Kapitalizzazzjoni tal-kumpaniji u reżiljenza finanzjarja/Banco Português de Fomento, taħt il-komponent 5 Investiment u innovazzjoni. Dawk l-iżbalji klerikali jirrigwardaw ukoll id-deskrizzjoni tar-riforma RE-r14: Riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet; il-mira 6.15 u d-deskrizzjoni tar-riforma rispettiva RE-r16: It-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fi professjonijiet regolati ħafna, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet; deskrizzjoni tar-riforma RE-C06-r17: Aġenda għall-promozzjoni ta' xogħol deċenti, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet; id-deskrizzjoni tal-investiment RE-C06-i01: Modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-provvista u tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet; il-mira 6.6 u d-deskrizzjoni tal-investiment rispettiv RE-C06-i03: Inċentiv għall-adulti, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet; il-mira 6.8, il-mira 6.9, u d-deskrizzjoni tal-investiment rispettiv RE-C06-i04: Impuls għaż-żgħażaġh – STEAM, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet; id-deskrizzjoni tal-investiment RE-C06-i05-RAA: Kwalifika għall-Adulti u Tagħlim Tul il-Ħajja, taħt il-komponent 6: Kwalifiki u Ħiliet. Dawn l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll il-miri 7.1, 7.2 u 7.3 tal-investiment RE-C07-i00: Estensjoni tan-network tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi, taħt il-komponent 7: Infrastruttura; id-deskrizzjoni tal-investiment RE-C07-i02: Konnessjonijiet neqsin u żieda fil-kapaċità tan-Network, taħt il-komponent 7: Infrastruttura; id-deskrizzjoni tal-investiment RE-C07-i03: Konnessjonijiet transfruntiera, taħt il-komponent 7: Infrastruttura; id-deskrizzjoni ta' RE-C07-i04: Żoni ta' Akkoljenza tan-Negożju — Aċċessibbiltà tat-triq, taħt il-komponent 7: Infrastruttura.

Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll: il-mira 8.18 u d-deskrizzjoni tar-riforma rispettiva RE-r20: Riorganizzazzjoni tas-Sistema tar-Reġistru tal-Proprietà tal-Artijiet u tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art, taħt il-komponent 8: Foresti; il-mira 8.1, il-mira 8.20, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C08-i01: Trasformazzjoni tal-Pajsaġġ f'Żoni ta' Foresti Vulnerabbli, taħt il-komponent 8: Foresti; il-mira 8.5, il-mira 8.6, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C08-i02: Reġistru tal-proprietà rurali u Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kopertura tal-Art, taħt il-komponent 8: Foresti; il-mira 8.8, il-mira 8.9, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C08-i03: Waqfiet għall-ġestjoni tal-fjuwil — network primarju, taħt il-komponent 8: Foresti; il-mira 8.11 tal-investment RE-C08-i04: Mezzi għall-prevenzjoni u l-għieda kontra n-nirien rurali, taħt il-komponent 8: Foresti; il-mira 8.13, il-mira 8.16, il-mira 8.21 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv RE-C08-i05: Programm Aktar Forestrija, taħt il-komponent 8: Foresti. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll il-mira 9.5 tal-investment RE-C09-i01: Pjan Reġjonali għall-Effiċjenza tal-Ilma ta' Algarve, taħt il-komponent 9: Il-ġestjoni tal-Ilma; id-deskrizzjoni tal-investment RE-C09-i02: Intrapriża idrawlika b'diversi użi ta' Crato, taħt il-komponent 9: Il-ġestjoni tal-Ilma; deskrizzjoni tal-investment RE-C09-i03-RAM: Pjan għall-effiċjenza fl-użu tal-ilma u t-tisħiħ tas-sistemi tal-provvista u tat-tisqija ta' Madeira, taħt il-komponent 9: Il-ġestjoni tal-ilma. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll l-istadju importanti 10.9 u l-istadju importanti 10.10 tal-investment TC-C10-i04-RAA: L-iżvilupp tal-“Cluster do Mar dos Açores”, taħt il-komponent 10: Il-Baħar. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll id-deskrizzjoni tal-investment TC-C14-i03-RAA: It-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores, taħt il-komponent 14: Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati wkoll mad-deskrizzjoni tal-investment TC-C15-i04: Tranżitu Rapidu bil-Karozzi tal-Linja Boavista – Império, taħt il-komponent 15: Mobilità Sostenibbli; l-istadju importanti 15.12 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TC-C15-i05: Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku, taħt il-komponent 15: Mobilità Sostenibbli. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll id-deskrizzjoni tal-komponent 16: Intrapriżi 4.0; il-mira 16.4 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C16-i01: L-awtonomizzazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, il-komponent 16: Intrapriżi 4.0; il-mira 16.6, il-mira 16.8, il-mira 16.11 u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C16-i02:

Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, il-komponent 16: Intrapriżi 4.0; il-mira 16.14, il-mira 16.15, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C16-i03: Katalist għat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, taħt il-komponent 16: Intrapriżi 4.0. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll id-deskrizzjoni tar-riforma TD-r32: Modernizzazzjoni u Simplifikazzjoni tal-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika, taħt il-komponent 17: Kwalità u Sostenibbiltà tal-Finanzi Pubbliċi; l-istadju importanti 17.13 tal-investment TD-C17-i01: Sistemi ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika, taħt il-komponent 17: Kwalità u Sostenibbiltà tal-Finanzi Pubbliċi; l-istadju importanti 17.21 tal-investment TD-C17-i02: Modernizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana għat-tassazzjoni fuq il-proprietà rurali, kollha taħt il-komponent 17: Kwalità u Sostenibbiltà tal-Finanzi Pubbliċi. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll id-deskrizzjoni tar-riforma TD-r33: Ġustizzja ekonomika u ambjent tan-negozju, taħt il-komponent 18: Ġustizzja Ekonomika u Ambjent tan-Negozju. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll l-istadju importanti 19.26 tal-investment TD-C19-i01: Tfassil mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi u konsulari, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali; id-deskrizzjoni tal-investment TD-C19-i03: It-tisħiħ tal-qafas ġenerali taċ-ċibersigurtà, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali; id-deskrizzjoni tal-investment TD-C19-i05: It-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira, taħt il-komponent 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali. Dawk l-iżbalji klerikali jikkonċernaw ukoll il-mira 20.4 tal-investment TD-C20-i01: It-tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni, taħt il-komponent 20: Skola Diġitali; il-mira 20.10, il-mira 20.13, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C20-i02-RAA: Edukazzjoni diġitali (Azores), taħt il-komponent 20: Skola Diġitali; il-mira 20.17, il-mira 20.18, u d-deskrizzjoni tal-investment rispettiv TD-C20-i03-RAM: L-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni ARM, taħt il-komponent 20: Skola diġitali. Il-korrezzjoni tal-iżbalji klerikali kollha msemmija hawn fuq ma taffettwax l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

- (41) Il-kapitolu REPowerEU jinkludi sitt riformi ġodda u 11-il investiment ġdid. Il-Portugall jintroduċi żewġ riformi b'mod partikolari biex jiġġieled kontra l-faqar enerġetiku u jtejjeb l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika. L-ewwel riforma tikkonsisti fl-istabbiliment ta' korp għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tal-faqar enerġetiku, u għall-analiżi u l-iżvilupp ta' politiki pubbliċi għall-qerda tagħha (RP-C21-r43: Osservatorju Nazzjonali tal-Faqar Enerġetiku). It-tieni riforma tikkonċerna l-ħolqien ta' "Spazji tal-Enerġija taċ-Ċittadini" fejn iċ-ċittadini jistgħu jiksibu informazzjoni u pariri dwar kif jimplimentaw u jagħmlu użu minn miżuri u soluzzjonijiet differenti li jtejjbu l-effiċjenza enerġetika u jadottaw imġiba sostenibbli rigward ir-Riforma tal-użu tal-enerġija RP-C21-r44: Żvilupp ta' punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika għaċ-ċittadini (Spazji tal-Enerġija taċ-Ċittadini).
- (42) Riformi oħra fil-kapitolu REPowerEU għandhom l-għan li jżidu l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli tal-Portugall. Dawn jikkonċernaw ir-reviżjoni tal-qafas regolatorju tan-networks nazzjonali tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass biex jiġi promoss l-użu tal-gassijiet rinnovabbli (RP-C21-r46: Qafas regolatorju għall-idroġenu rinnovabbli); it-tnedija tal-ewwel irkant għax-xiri ċentralizzat tal-bijometan mill-fornitur bl-ingrossa tal-aħħar istanza u l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tas-suq tal-bijometan (RP-C21-r47: L-ewwel irkant għal pjan ta' azzjoni dwar il-bijometan sostenibbli u l-bijometan); is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' liċenzjar u ta' permessi għal proġetti rinnovabbli u taħriġ f'għodod diġitali għat-trattament ta' dawn il-proċeduri (RP-C21-r48: Simplifikazzjoni tal-qafas legali u regolatorju applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli) u l-istabbiliment ta' offerta ta' taħriġ vokazzjonali fit-tul għall-iżvilupp, ir-rikonoxximent, il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet ekoloġiċi għall-ħaddiema fl-oqsma tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tal-azzjoni klimatika u għall-persuni qiegħda (RP-C21-r45: Ħiliet Ekoloġiċi)

- (43) Investimenti ġodda jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u t-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija Portugiża. Dawk l-investimenti jikkonċernaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji biex tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (RP-C21-i05: Appoġġ għall-Iżvilupp tal-Industrija Ekoloġika); appoġġ għal studji tekniċi biex tiġi esplorata l-kapaċità ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta biex jipproduċu l-enerġija (RP-C21-i07: Studji tekniċi għall-potenzjal tal-enerġija lil hinn mill-kosta); l-istabbiliment ta' skema ta' inċentivi għall-installazzjoni ta' sistemi ta' ġenerazzjoni u ħżin tal-elettriku rinnovabbli għall-awtokonsum, kif ukoll l-installazzjoni ta' tagħmir għall-produzzjoni tal-ilma sħun u l-ġenerazzjoni tas-sħana bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, minn unitajiet domestiċi, intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira (RP-C21-i11-RAM – Sistema ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'Madeira u f'Porto Santo); l-istabbiliment ta' skema ta' inċentivi għax-xiri u l-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija rinnovabbli fl-Azores (RP-C21-i10-RAA – Sistema ta' inċentivi għax-xiri u l-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija rinnovabbli); żieda fil-flessibbiltà fil-grilja tal-elettriku pubblika, li tippermetti l-ottimizzazzjoni u l-ġestjoni flessibbli tas-sistema tal-elettriku, anki fid-dawl taż-żieda mistennija fil-produzzjoni u fil-konsum tal-elettriku rinnovabbli. (RP-C21-i08: Flessibbiltà u ħżin tan-network) u l-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz għal-liċenzjar u l-monitoraġġ ta' proġetti tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (RP-C21-i09: Punt uniku ta' servizz għal-Liċenzjar u l-Monitoraġġ ta' Proġetti ta' Enerġija Rinnovabbli).

- (44) Investimenti oħra għandhom l-għan li jiddekarbonizzaw it-trasport. Dawk l-investimenti jikkonċernaw ix-xiri ta' karozzi tal-linja b'emissjonijiet żero (elettriċi jew li jaħdmu bl-idroġenu) u l-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar/tar-riforniment tal-fjuwil f'Madeira (RP-C21-i13-RAM: Dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku) u fi Braga (RP-C21-i14: Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-Linja - Braga); ix-xiri ta' żewġ bastimenti elettriċi fl-Azores (RP-C21-i15-RAA – Akkwist ta' żewġ bastimenti elettriċi); u l-implimentazzjoni ta' funikular f'Nazaré (RP-C21-i16 – Funikular ta' Nazaré).
- (45) Investiment għdid ieħor fil-kapitolu RePowerEU jikkontribwixxi għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika fil-bini, billi jappoġġa xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, inkluż il-bini ta' kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għall-awtokonsum, f'bini pubbliku f'Madeira (RP-C21-i04-RAM – Effiċjenza enerġetika f'bini u faċilitajiet pubbliċi).
- (46) Il-kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll miżuri fuq skala akbar li jaffettwaw ħames miżuri taħt il-komponent 11: Id-dekarbonizzazzjoni tal-Industrija; il-komponent 13: Effiċjenza Enerġetika fil-Bini; il-komponent 14: Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli; u l-komponent 15 Mobilità Sostenibbli. Il-miżuri fuq skala akbar inklużi fil-kapitolu REPowerEU jintroduċu titjib sostantiv fil-livell ta' ambizzjoni tal-miżuri diġà inklużi fl-RRP nazzjonali.
- (47) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (48) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-Anness V, il-kriterju 2.1 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (49) L-RRP oriġinali rrappreżenta rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat (klassifikazzjoni A) għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ta' dak iż-żmien, u jkkontribwixxa b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament(UE) 2021/241, kif deskritt fil-premessi minn 8 sa 12 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021.
- (50) L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jkompli jkopri is-sitt pilastri b'mod komprensiv, mingħajr ma titneħħa l-ebda miżura u b'għadd sinifikanti ta' komponenti li jappoġġaw aktar minn pilastru wieħed. Il-firxa ta' azzjonijiet tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU tikkorrispondi għall-oġettivi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-“Faċilità”) b'bilanċ ġenerali xieraq bejn il-pilastri. B'mod partikolari, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu għall-pilastri li ġejjin: it-tranżizzjoni ekoloġika, it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u l-koeżjoni soċjali u territorjali.

Indirizzar tal-isfidi kollha identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jew ta' subsett sinifikanti tagħhom

- (51) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lill-Portugall jew subsett sinifikanti minnhom (klassifikazzjoni A), inkluż l-aspetti fiskali tagħhom, u r-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jew l-isfidi identifikati f' dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (52) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati formalment mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-RRP modifikat mill-Kummissjoni. Billi l-allokazzjoni finanzjarja massima għall-Portugall ġiet aġġustata 'l fuq u billi d-daqs tal-RRP żdied wara talba għal self addizzjonali maħsub biex jintuża mhux esklużivament għall-oġġettivi tar-REPower, ir-rakkomandazzjonijiet strutturali kollha tal-2022 u tal-2023 huma kkunsidrati fil-valutazzjoni kumplessiva.
- (53) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-RRP nazzjonali modifikat, il-Kummissjoni ssib li l-ebda rakkomandazzjoni ma ġiet implimentata bis-sħiħ. Inkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar it-titjib tal-aċċess għal-likwidità tal-kumpaniji, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (ir-rakkomandazzjoni 3.1 tal- 2020).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (54) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Portugall mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jew subsett sinifikanti minnhom, b'mod partikolari biex titjieb l-effettività tas-sistemi tat-taxxa u tal-protezzjoni soċjali, u biex tiġi promossa s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi (ir-rakkomandazzjoni 1.5 tal-202; ir-rakkomandazzjoni 1.4 tal-2022; ir-rakkomandazzjoni 2.2 tal-2020; ir-rakkomandazzjoni 2.4 tal-2019); biex jitjiebu l-kundizzjonijiet għal tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari billi jiżdiedu l-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart (ir-rakkomandazzjoni 3 tal-2022 u 2023); biex tonqos id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili (ir-rakkomandazzjoni 4.1 tal-2022 u 2023), inkluż fis-settur tat-trasport (ir-rakkomandazzjoni 4.2 tal-2022); biex jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli billi jiġu aġġornati l-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku u jiġu ffaċilitati l-investimenti fil-ħżin tal-elettriku (ir-rakkomandazzjoni 4.3 tal-2022); biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi li jippermettu aktar żvilupp tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (ir-rakkomandazzjoni 4.2 tal-2023; ir-rakkomandazzjoni 4.4 tal-2022); biex jissaħħa il-qafas ta' inċentivi għall-effiċjenza enerġetika fil-bini (ir-rakkomandazzjoni 4.6 tal-2023; ir-rakkomandazzjoni 4.5 tal-2022); biex tissaħħa ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa (ir-rakkomandazzjoni 1.2 tal-2020; ir-rakkomandazzjoni 1.2 tal-2019); biex jiġu appoġġati l-impjiegi u tiġi indirizzata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol (ir-rakkomandazzjoni 2.1 tal-2020; ir-rakkomandazzjoni 2.1 tal-2019); biex jitjiebu l-ħiliet tal-popolazzjoni, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali u l-ħiliet meħtieġa mis-swieq tax-xogħol (ir-rakkomandazzjoni 2.3 tal-2020; ir-rakkomandazzjoni 2.2 tal-2019) u l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika (ir-rakkomandazzjoni 4.7 tal-2023); biex titjieb l-adekwatezza u l-effettività tax-xibka ta' sikurezza soċjali (ir-rakkomandazzjoni 2.4 tal-2019); biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji (ir-rakkomandazzjoni 2.4 tal-2020); biex jitjieb l-aċċess tal-kumpaniji, b'mod partikolari tal-SMEs, għal-likwidità (ir-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2020); biex jitrawwem l-investiment fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali (ir-rakkomandazzjoni 1.2 tal-2022; ir-rakkomandazzjoni 3.4 tal-2020; ir-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2019); biex jitrawwem l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni (ir-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2019); u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u regolatorju fuq in-negozji (ir-rakkomandazzjoni 4.2 tal-2019).

- (55) L-RRP modifikat jintroduċi riforma fiskali li tirrevedi s-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa u tistabbilixxi unità teknika ġdida biex tevalwa u tagħmel monitoraġġ tal-politiki fiskali, inklużi l-benefiċċji tat-taxxa (TD-C17-r40 - Simplifikazzjoni tas-Sistema tat-Taxxa), u riforma tal-benefiċċji soċjali li tintroduċi benefiċċju soċjali uniku (RE-C03-r38: Simplifikazzjoni u Effettività tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali). Dawn iż-żewġ riformi jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni 1 tal-2022 u r-rakkomandazzjoni 1 tal-2023 dwar il-politiki fiskali u tal-protezzjoni soċjali, kif ukoll is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tal-Portugall. L-RRP modifikat jintroduċi wkoll riforma tal-ġestjoni tal-iskart li tistabbilixxi qafas legali għal sistema ta' depożitu u rifiużjoni għall-pakketti u l-metalli (TC-C12-r39: Promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari u ġestjoni tal-iskart aktar effiċjenti) li tindirizza r-rakkomandazzjoni 3 tal-2022 u r-rakkomandazzjoni 3 tal-2023 dwar it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.
- (56) Il-kapitolu REPowerEU jindirizza subsett sostanzjali tal-isfidi kollha identifikati fir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż relatati mal-politika tal-enerġija u mat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri tar-REPowerEU jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjoni 4.1 tal-2022 u r-rakkomandazzjoni 4.1 tal-2023 dwar il-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi jiġu żviluppati sorsi ta' enerġija rinnovabbli u titnaqqas id-domanda għall-enerġija.
- (57) Il-kapitolu tar-REPowerEU jintroduċi miżuri li jindirizzaw direttament ir-rakkomandazzjoni 4.2 tal-2022 dwar il-ħtieġa li t-trasport jiġi dekarbonizzat, bħad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku fi (RP-C21-i13-RAM: Dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku); l-implimentazzjoni ta' sistema rapida tal-karozzi tal-linja b'emissjonijiet żero fi Braga (RP-C21-i14: Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-Linja fi Braga); ix-xiri ta' żewġ bastimenti elettriċi fl-Azores (RP-C21-i15-RAA: Akkwist ta' żewġ bastimenti elettriċi); u l-implimentazzjoni ta' funikular f'Nazaré (RP-C21-i16: Funikular ta' Nazaré).

- (58) Il-kapitolu REPowerEU jintroduċi wkoll miżuri li jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni 4.2 tal-2023 u r-rakkomandazzjoni 4.3 tal-2022 dwar il-ħtieġa li jitħaffef l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, bħal: ir-reviżjoni tal-qafas regolatorju tan-networks nazzjonali tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass biex jiġi promoss l-użu tal-gass tal-idroġenu rinnovabbli (RP-C21-r46: Qafas regolatorju għall-idroġenu rinnovabbli); l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tas-suq tal-bijometan u t-tnedija tal-ewwel irkant għax-xiri ċentralizzat tal-bijometan (RP-C21-r47 L-ewwel irkant għal pjan ta' azzjoni dwar il-bijometan sostenibbli u l-bijometan); l-iżvilupp ta' teknoloġiji biex tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (RP-C21-i05: Appoġġ għall-Iżvilupp tal-Industrija Ekoloġika); appoġġ għal studji tekniċi biex tiġi esplorata l-kapaċità ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta biex jipproduċu l-enerġija (RP-C21-i07: Studji tekniċi għall-potenzjal tal-enerġija lil hinn mill-kosta); l-istabbiliment ta' skema ta' inċentivi għax-xiri u l-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija rinnovabbli fl-Azores (RP-C21-i10-RAA: Sistema ta' inċentivi għax-xiri u l-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija rinnovabbli); l-istabbiliment ta' skema ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin ta' tal-enerġija rinnovabbli f'Madeira (RP-C21-i11 RAM – Sistema ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija rinnovabbli).

- (59) Il-kapitolu REPowerEU jindirizza wkoll ir-rakkomandazzjoni 4.2 tal-2023 u r-rakkomandazzjoni 4.4 tal-2022 dwar il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-ġħoti ta' permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli bil-miżuri li ġejjin: is-simplifikazzjoni tal-oqfsa legali u regolatorji applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli (RP-C14-r48: Simplifikazzjoni tal-oqfsa legali u regolatorji applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli); u l-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz għal-liċenzjar u l-monitoraġġ ta' proġetti tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (RP-C21-i09: Punt uniku ta' servizz għal-liċenzjar u l-monitoraġġ ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli).
- (60) Dan il-kapitolu jinkludi wkoll miżuri li jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni 4.6 tal-2023 u r-rakkomandazzjoni 4.5 tal-2022 dwar il-ħtieġa li tiġi promossa l-effiċjenza tal-enerġija fil-bini, bħal: it-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-faċilitajiet pubbliċi f'Madeira (RP-C21-i04-RAM: Effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku f'Madeira); it-tisħiħ tal-investimenti fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali (RP-C21-i02: Miżura fuq skala akbar: Effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali) u fil-bini tas-servizzi (RP-C21-i03: Miżura fuq skala akbar: Effiċjenza enerġetika fil-bini użat mis-settur tas-servizzi); u l-ħolqien fil-livell lokali ta' "Ħwienet tal-Enerġija taċ-Ċittadini" fejn iċ-ċittadini jistgħu jiksbu informazzjoni u pariri dwar kif jimplimentaw u jagħmlu użu minn miżuri differenti tal-effiċjenza enerġetika inkluż għall-bini (RP-C21-r44: Żvilupp ta' punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika għaċ-ċittadini (Spazji tal-Enerġija taċ-Ċittadini)).
- (61) Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, l-RRP modifikat huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi, kif identifikat fir-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fil-perjodu mill-2019 sal-2023, li l-Portugall qed jesperjenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżbilanċi marbuta mad-dejn tal-gvern, dak privat u dak estern.

Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (62) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jkollu impatt għoli (klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Portugall, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk jissaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (63) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3, tar-Regolament (UE) 2021/241, sabet li l-RRP oriġinali kien mistenni li jkollu impatt għoli fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali (klassifikazzjoni A).
- (64) L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jkompli jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika u jindirizza l-vulnerabbiltajiet tal-ekonomija. Il-kontribuzzjonijiet ewlenin kemm għat-tkabbir kif ukoll għall-impjiegi huma mistennija li jiġu minn investimenti u riformi li jikkonċernaw l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, inklużi l-ħiliet diġitali u t-taħriġ vokazzjonali, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi, il-kapitalizzazzjoni tan-negozji u l-akkomodazzjoni, li issa huma msaħħa. Il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli. Dan huwa l-każ pereżempju għall-appoġġ għall-ekonomija ekoloġika, il-ħiliet ekoloġiċi u l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

- (65) L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jkompli jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali. L-RRP rivedut jinkludi miżuri msaħħa sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali li ilhom jeżistu. Dawn ikopru r-rispons u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, u l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u soċjali. Jenħtieġ li l-vulnerabbiltajiet soċjali jiġu indirizzati wkoll permezz tal-ġoti ta' firxa wiesgħa ta' servizzi soċjali li jiffukaw fuq l-anzjani, il-persuni b'diżabilità, il-minoranzi etniċi u l-migranti, u permezz ta' programmi integrati li jappoġġaw il-komunitajiet żvantaġġati f'żoni metropolitani fil-bżonn. Riforma ġdida se tissimplifika s-sistema tal-benefiċċji soċjali biex tiffaċilita l-kopertura tagħhom. Fil-kapitolu REPowerEU, Osservatorju Nazzjonali ġdid se jikkontribwixxi wkoll biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku. Investimenti addizzjonali f'networks tat-trasport pubbliku sostenibbli huma wkoll partikolarment rilevanti għall-ħaddiema żvantaġġati li jivvjaġġaw lejn ix-xogħol u lura, u jsaħħu d-drittijiet tax-xogħol, speċjalment għal kuntratti tax-xogħol atipiċi marbuta mal-ekonomija diġitali. Dawn il-miżuri se jgħinu biex titwettagħ l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali approvat fis-Summit ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021 u huma mistennija jikkontribwixxu għat-titjib tal-livelli tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.
- (66) Il-miżuri mmirati lejn it-tfal u ż-żgħażaġħ huma msaħħa wkoll, bħal miżuri biex tiżdied il-kapaċità tal-kindergartens u s-servizzi tal-indukrar tat-tfal. L-RRP rivedut huwa mistenni li jrawwem istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u r-reġistrazzjoni f'korsijiet tal-edukazzjoni terzjarja. Tinhoq ukoll akkomodazzjoni addizzjonali għall-istudenti. Il-miżuri għandhom ukoll l-għan li jappoġġaw aktar l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fis-sistema tal-edukazzjoni primarja u sekondarja bl-użu ta' riżorsi diġitali fil-klassijiet u d-diġitalizzazzjoni tal-kontenut edukattiv.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (67) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi f'dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali (lklassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (68) Il-Portugall ippreżenta valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għal kull miżura ġdida u riveduta tal-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU. L-informazzjoni pprovduta turi li l-RRP huwa mistenni jiżgura l-konformità ma' dak il-prinċipju. Barra minn hekk, għal dawk il-miżuri li jeħtieġu l-għażla ta' proġetti fil-futur, jiġu introdotti salvagwardji rilevanti speċifiċi fi stadji importanti u miri assoċjati għal dak l-għan.

Kontribuzzjoni għall-oġettivi tar-REPowerEU

- (69) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da) u mal-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (70) Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi għall-oġġettiv stabbilit skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 permezz ta' riforma biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi, inkluż it-taħriġ ta' uffiċjali pubbliċi li jitrattaw l-għoti ta' permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz għall-liċenzjar ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli; l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-iżvilupp tal-bijometan kif ukoll sett ta' azzjonijiet leġislattivi li jippromwovu u jippermettu l-adozzjoni tal-bijometan u tal-idroġenu rinnovabbli; l-introduzzjoni ta' skema finanzjarja għall-promozzjoni tal-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti; iż-żieda ta' investiment eżistenti fil-gassijiet rinnovabbli; l-investimenti fil-kapaċità tal-ħżin tal-enerġija rinnovabbli; l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi; l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali, tas-servizzi u dak pubbliku; il-ħolqien ta' osservatorju nazzjonali dwar il-faqar enerġetiku biex isir monitoraġġ u jkun hemm appoġġ għall-unitajiet domestiċi fil-bżonn permezz ta' politiki mmirati u l-istabbiliment, fil-livell lokali, ta' punti uniċi ta' servizz, imsejħa mudelli tal-Ispazju tal-Enerġija taċ-Ċittadini, biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-interventi tal-effiċjenza enerġetika.
- (71) Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll għall-oġġettiv stabbilit skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/241. Apparti r-riformi msemmija hawn fuq li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' Osservatorju Nazzjonali tal-Faqar Enerġetiku u mudelli ta' Spazju tal-Enerġija taċ-Ċittadini, il-Portugall jintroduċi investiment ġdid biex itejjeb l-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku, u jsaħħaħ l-investimenti fil-bini residenzjali, kif ukoll fil-bini tas-servizzi.

- (72) Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll għall-oġġettiv stabbilit skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/241 bl-introduzzjoni tal-miżuri li ġejjin: it-tisħiħ tal-investiment tad-“Dekarbonizzazzjoni tal-Industrija”, li għandu l-għan li jappoġġa finanzjarjament lill-SMEs industrijali biex jiddekarbonizzaw il-proċessi tagħhom, itejbu l-effiċjenza enerġetika tagħhom, u jadottaw l-enerġija rinnovabbli; L-investiment imsemmi hawn fuq għall-finanzjament tal-produzzjoni ta’ teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti u infrastruttura relatata li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija, bħall-wiring elettriku, tagħmir speċjalizzat tal-operat u tal-manutenzjoni u pompi tas-sħana.
- (73) Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll għall-oġġettiv stabbilit skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241 bl-investimenti fil-ħżin tal-elettriku u fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. L-investiment fil-kapaċità tal-ħżin jippermetti ġestjoni flessibbli tas-sistema tal-elettriku, speċjalment fid-dawl tal-elettrifikazzjoni tal-industrija u t-trasport u ż-żieda fil-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli. Il-kapitolu REPowerEU jappoġġa x-xiri ta’ karożżi tal-linja tat-trasport pubbliku b’emissjonijiet żero, l-installazzjoni ta’ stazzjonijiet tar-riċarġjar/tar-riforniment, kif ukoll il-bini ta’ infrastruttura ġdida għat-trasport b’emissjonijiet żero.
- (74) Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll għall-oġġettiv stabbilit skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/241 bil-ħolqien ta’ offerta għal taħriġ vokazzjonali għall-iżvilupp ta’ ħiliet ekoloġiċi. Il-ħolqien ta’ punt uniku ta’ servizz għal-liċenzjar ta’ proġetti tal-enerġija rinnovabbli se jinvolvi wkoll it-taħriġ ta’ uffiċjali pubbliċi u għaldaqstant jikkontribwixxi għal dan l-oġġettiv. B’mod indirett, l-investiment biex tiġi appoġġata l-Industrija Ekoloġika u ż-żieda tal-investimenti fil-gassijiet rinnovabbli se jikkontribwixxu wkoll għall-akkwist ta’ kompetenzi ekoloġiċi mill-ħaddiema.

Miżuri b'dimensjoni jew effetti transfruntier jew multinazzjonali

- (75) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) li jkollhom dimensjoni jew effetti transfruntier jew multinazzjonali.
- (76) Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija billi jrawmu l-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli; billi jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija; u billi jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-bini.
- (77) L-istima tal-kostijiet totali ta' dawn il-miżuri tammonta għal total ta' EUR 6,9 biljun, li jirrappreżentaw 71 % tal-istima tal-kostijiet tal-kapitolu REPowerEU, li huwa oġġetiv mill-mira indikattiva ta' 30 %.
- (78) Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu wkoll għall-esportazzjonijiet ta' enerġija nadifa lejn partijiet oħra tal-Ewropa. Bl-istess mod, il-miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (79) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 41,2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP u 91,1 % tal-istima tal-kostijiet totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (80) Il-miżuri mnaqqsqa minħabba żidiet fil-kostijiet ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali l-RRP rigward it-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li l-kapitolu REPowerEU jgħib sforz sinifikanti biex jappoġġa aktar it-tranżizzjoni ekoloġika fil-Portugall. Ir-riformi u l-investimenti tagħha jikkontribwixxu biex inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, inaqqsu d-domanda għall-enerġija u jżidu l-effiċjenza enerġetika. Barra minn hekk, dawn il-miżuri huma mistennija jkollhom impatt dejjiemi billi: (i) isaħħu l-grilja elettrika tal-Portugall biex tiġi indirizzata żieda fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, inkluż minn sorsi rinnovabbli; (ii) iżidu l-ħżin tal-enerġija; (iii) jintroduċu bidliet strutturali fil-politika tal-enerġija u għaldaqstant inaqqsu l-konġestjonijiet eżistenti fil-proċeduri tal-ġoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (81) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 21,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dar-Regolament (UE) 2021/241.
- (82) Il-valutazzjoni pożittiva rigward il-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali prevista fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 għadha valida. Wara r-reviżjoni, komponent addizzjonali jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali: Komponent 15: Mobilità sostenibbli b'miżura biex tiġi diġitalizzata s-sistema ferrovjarja.
- (83) Il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u li jindirizza l-isfidi li jirriżultaw billi jiżviluppa punt uniku ta' servizz diġitali għall-ġhoti ta' permessi u għall-monitoraġġ ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli. F'konformità mal-Artikolu 21c(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, ir-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU ma għandhomx jitqiesu meta tiġi kkalkulata l-allokazzjoni totali tal-RRP għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-mira diġitali stabbilit minn dak ir-Regolament.

Impatt dejjiemi

- (84) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq il-Portugall fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A).
- (85) Il-valutazzjoni inizjali tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241 sabet li l-RRP oriġinali kien mistenni li fil-biċċa l-kbira jkollu impatt dejjiemi fuq il-Portugall (klassifikazzjoni A).
- (86) Miżuri ġodda u riveduti huma komplementari għal dawk eżistenti u jqisu l-kriżi tal-COVID-19, l-inflazzjoni, u t-tfixkil fil-katina tal-provvista. Għalkemm l-inflazzjoni kellha impatt fuq l-ambizzjoni ta' sitt miżuri, din ma affettwatx l-effetti dejjiema tal-RRP modifikat. Barra minn hekk, il-miżuri l-ġodda u modifikati jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u jistgħu jkunu mistennija li jkollhom impatt dejjiemi.
- (87) Riformi ġodda huma mistennija li jissimplifikaw is-sistemi tal-benefiċċji soċjali u tat-taxxa, jippromwovu l-prestazzjoni tal-uffiċjali pubbliċi, u javvanzaw l-ekonomija ċirkolari b'sistema ta' ġestjoni tal-iskart aktar effiċjenti. Investimenti ġodda huma mistennija li jaċċelleraw id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, li jappoġġaw l-innovazzjoni teknika fis-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa u għaldaqstant iżidu l-kwalità tad-dijanjożi u tat-trattamenti. Investimenti ġodda huma mistennija wkoll li jżidu l-provvista domestika ta' akkomodazzjoni affordabbli għall-istudenti, u b'hekk jippermettu aċċess aħjar għall-edukazzjoni għolja.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (88) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jiżguraw il-monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (89) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u l-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, sabet li l-RRP oriġinali kien adegwat (klassifikazzjoni A) biex jiżguraw il-monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (90) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP tal-Portugall ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP. B'mod partikolari, it-task force Recuperar Portugal għadha l-istruttura inkarigata fil-Portugall bil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP u l-organizzazzjoni tiegħu. Bid-dħul fis-seħħ tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministeri Nru 93/2022, tat-18 ta' Ottubru, it-task force żiedet l-awtonomija tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Barra minn hekk, l-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri modifikati, inklużi dawk fil-kapitolu REPowerEU, huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti.

- (91) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (92) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, sabet li l-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP dwar l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (93) L-istimi tal-kostijiet ipprovduti mill-Portugall rigward iż-żieda fl-istimi tal-kostijiet tiegħu ma jaffettwawx din il-konklużjoni. Il-Portugall iddikjara żidiet fil-kostijiet għal 69 miżura u submiżura. Għal 67 miżura u submiżura, il-Portugall ippreżenta metodoloġija komuni ta' żieda fil-kostijiet ibbażata fuq id-*data* uffiċjali tal-Eurostat dwar l-inflazzjoni (tliet indiċijiet differenti, għas-snin 2021 u 2022) u l-previżjoni tal-inflazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-metodoloġija proposta mill-Portugall hija kkunsidrata raġonevoli, peress li hija bbażata fuq statistika u previżjonijiet uffiċjali dwar l-inflazzjoni; u hija applikata b'mod korrett. Għal tnejn mid-69 miżura u submiżura, iż-żidiet fil-kostijiet huma kkalkulati fuq il-bażi ta' *data ad hoc*. Dawn iż-żewġ miżuri jikkonċernaw il-kostruzzjoni tal-linja tal-metro bejn Odivelas u Loures u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma navali. Dawn l-istimi taż-żieda fil-kostijiet proposti mill-Portugall huma wkoll meqjusa raġonevoli peress li huma bbażati fuq studji indipendenti speċifiċi.

- (94) Fl-aħħar nett, l-istima tal-kost totali tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (95) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra għall-promozzjoni u l-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (96) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u l-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, qieset li l-arranġamenti proposti fih huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

- (97) Il-mudell ta' governanza tal-RRP Portugiż, maħluq mid-Digriet Amministrattiv 29-B/2021 tal-4 ta' Mejju, jiddefinixxi erba' livelli ta' koordinazzjoni tal-RRP: 1. Il-livell strateġiku ta' koordinazzjoni politika, żgurat mill-Kummissjoni Interministerjali għall-RRP; 2. Il-livell ta' monitoraġġ, żgurat mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Monitoraġġ; 3. Il-livell ta' koordinazzjoni teknika u ta' monitoraġġ, imwettqa mit-task force "Recuperar Portugal", l-Aġenzija għall-Iżvilupp u l-Koeżjoni, I. P., u l-Uffiċċju tal-Ippjanar, l-Istrateġija, l-Evalwazzjoni u r-Relazzjonijiet Internazzjonali tal-Ministeru għall-Finanzi; 4. Il-livell ta' awditjar u kontroll, żgurat minn Kumitat tal-Awditjar u l-Kontroll. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Portugiżi ppubblikaw id-Digriet Amministrattiv 61/2023 tal-24 ta' Lulju, biex jiċċaraw il-livelli ta' intervent tal-korpi msemmija hawn fuq u biex jiżguraw it-twettiq effettiv tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, filwaqt li estendew ukoll is-setgħat tal-Kumitat Nazzjonali ta' Monitoraġġ u tal-Kumitat tal-Awditjar u l-Kontroll. Il-ġestjoni nazzjonali tal-RRP hija ċentralizzata fit-task force Recuperar Portugal, il-Korp ta' Koordinazzjoni, u l-eżekuzzjoni tiegħu hija fdata lil sett ta' entitajiet pubbliċi, li jassumi responsabbiltajiet għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-investimenti f'livell deċentralizzat.

- (98) Mill-valutazzjoni oriġinali, li ġiet stabbilita fuq is-sistema ta' awditjar u kontroll proposta, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tagħha. Dan jinkludi s-sejbiet preliminari tal-awditu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u s-sejbiet tal-awditu tas-sistema kkombinata dwar l-istadji importanti u l-miri u l-awditjar dwar l-istadji importanti u l-miri mwettqa mill-Kummissjoni fil-Portugall. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP Portugiż hija ġeneralment adegwata, iżda għandha xi nuqqasijiet li jridu jiġu indirizzati permezz ta' stadji importanti ddedikati tal-awditjar u tal-kontroll. Dawn huma relatati man-nuqqas ta' valutazzjoni tar-riskju ta' frodi u l-pjan ta' azzjoni sussegwenti fil-livell tal-korpi ta' implimentazzjoni Portugiżi kollha u l-arranġamenti insuffiċjenti biex tiġi kontroverifikata l-informazzjoni relatata mal-wasla ta' fondi sabiex jiġi evitat u identifikat finanzjament doppju. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu introdotti żewġ stadji importanti ġodda dwar l-awditjar u l-kontroll. L-ewwel stadju importanti jirrikjedi emenda fil-kuntratti ta' finanzjament bejn il-Korp ta' Koordinazzjoni u l-korpi ta' implimentazzjoni biex jiżdied obbligu legali biex titwettaq valutazzjoni tar-riskju ta' frodi u, fejn il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi tidentifika riskji li mhumiex indirizzati mill-kontrolli eżistenti, biex jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni sussegwenti. It-tieni stadju importanti jirrikjedi l-introduzzjoni ta' kontroverifiki sistematiċi effettivi fuq applikazzjonijiet għal finanzjament potenzjali fil-Faċilità u bejn il-Faċilità u programmi oħra tal-Unjoni.

Koerenza tal-RRP

- (99) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (100) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11, tar-Regolament (UE) 2021/241, qieset l-RRP oriġinali fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (101) Ir-riformi u l-investimenti f'kull komponent tal-RRP modifikat għadhom ikunu konsistenti u jsaħħu lil xulxin, u jeżistu sinerġiji u komplementarjetajiet bejn il-komponenti. Barra minn hekk, il-kapitolu REPowerEU huwa kompletament konformi mal-miżuri użati skont l-RRP inizjali biex jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u jkompli jsaħħa l-ambizzjoni ta' xi wħud minnhom, pereżempju d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku, ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku, il-produzzjoni ta' gassijiet rinnovabbli. Il-kapitolu REPowerEU huwa mibni fuq pakkett konsistenti kemm ta' riformi kif ukoll ta' investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (102) Bi tħejjija għall-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-awtoritajiet Portugiżi organizzaw konsultazzjoni pubblika formali bejn is-6 u l-21 ta' April 2023 u kkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati li ġejjin: il-Kumitat Permanenti għad-Djalogu Soċjali (*Comissão Permanente de Concertação Social*); il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali (*Conselho Económico e Social*); Kumitati ta' Koordinazzjoni u Żvilupp Reġjonali (*Comissões de Coordenação e Desenvolvimento Regional*); u l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Muniċipalitajiet (*Associação Nacional de Municípios*). Il-proposta tal-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, ġiet ippreżentata wkoll lill-Parlament Portugiż fid-19 ta' April 2023. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Portugiżi organizzaw seminars fl-oqsma tal-Enerġija, ir-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Edukazzjoni Għolja u kkonsultaw lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Monitoraġġ tal-RRP.
- (103) B'riżultat ta' dan il-proċess ta' konsultazzjoni, il-Portugall ippropona jew żied l-appoġġ finanzjarju tal-investimenti li ġejjin fil-Kapitolu REPowerEU: Effiċjenza enerġetika fil-bini u faċilitajiet pubbliċi; Sistema ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli; Dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku; Il-funikular ta' Nazaré u Dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku tal-ARM.
- (104) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha inkwistjoni, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU.

Valutazzjoni pożittiva

- (105) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtiegħ li d-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont magħmul disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u fil-forma ta' self.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (106) L-istima tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU tal-Portugall hija ta' EUR 22 215 870 313. Billi l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat huwa oġġett mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Portugall, jenħtiegħ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/241 alllokata għall-RRP modifikat tal-Portugall inkluż il-kapitolu REPowerEU tkun uguali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tal-Portugall inkluż il-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa uguali għal EUR 15 540 390 877, b'EUR 70 676 917 biex jiġu appoġġati r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU u EUR 15 469 713 960 biex jiġu appoġġati riformi u investimenti oħra fl-RRP.

- (107) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-26 ta' Mejju 2023 il-Portugall ippreżenta talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija msemmija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. L-istima tal-kostijiet totali tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punti minn (b) sa (f), tar-Regolament (UE) 2021/241 inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU hija ta' EUR 855 400 000. Billi dan l-ammont huwa ogħla mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għall-Portugall, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għall-Portugall ikun daqs is-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 703 364 724.
- (108) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755¹, fit-28 ta' Frar 2022 il-Portugall ippreżenta talba motivata biex tittrasferixxi l-allokazzjoni proviżorja kollha tagħha li jifdal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità, li tammonta għal EUR 81 358 359. Jenħtieġ li dak l-ammont isir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (109) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għall-Portugall tkun ta' EUR 16 325 113 960.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

Self

- (110) Barra minn hekk, sabiex jappoġġa riformi u investimenti addizzjonali, il-Portugall talab appoġġ ta' self totali ta' EUR 5 890 756 353. Ma jintalab l-ebda appoġġ fil-forma ta' self għar-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU. Il-volum massimu tas-self mitlub mill-Portugall huwa inqas minn 6,8 % tal-introjt nazzjonali gross tal-2019 tagħha fi prezzijiet attwali. L-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Portugall, inkluż il-kapitolu REPowerEU u l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, id-dħul mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u r-riżorsi mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

Prefinanzjament ta' REPowerEU

- (111) Il-Portugall talab il-finanzzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tiegħu: EUR 70 676 917 fil-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11, trasferiment ta' EUR 81 358 359 mill-allokazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 703 364 724 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE.

¹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

- (112) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-3 ta' Lulju 2023, il-Portugall talab prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Portugall soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità ma' ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Portugall skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (113) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Portugall tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Portugall hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Portugall fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġejjin:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Portugall kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 16 325 113 960*. Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 9 758 504 454, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;
- (b) ammont ta' EUR 5 781 886 423, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (c) ammont ta' EUR 703 364 724**, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;
- (d) ammont ta' EUR 81 358 359, trasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Portugall fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 1 807 948 257 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

Ammont ta' EUR 171 080 000 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jiġi żborżat mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

-
- * Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-Portugall tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.
 - ** Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-Portugall tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.”;

(3) fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Portugall self li jammonta għal massimu ta' EUR 5 890 756 353.
- 2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-appoġġ fil-forma ta' self imsemmi fil-paragrafu 1 disponibbli għall-Portugall fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 350 870 000 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali f' segment wieħed jew f' diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.”;

- (4) l-Anness huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
